MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 364/2006/1

**Carmel *sive* Charles Spiteri**

**vs**

**Daphne Caruana Galizia**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-21 ta' Novembru 2006 fejn talab lil din il-Qorti li prevja dikjarazzjoni tikkundanna lill-konvenuta li hija rrendiet ruhha responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur meta hija kitbet artikolu li fih, fl-ahhar paragrafu, hija rreferiet ghall-attur bhala "that nasty little man, Charles Spiteri, who cooks in

his spare time", u ghaddiet tali artikolu ghall-pubblikazzjoni fil-harga ta' "The Malta Independent on Sunday" tal-Hadd, 22 ta' Ottubru 2006; stante li l-istess referenza hija malafamanti u libelluza, tattakka f'nifs wiehed il-karattru, l-istatura u l-integrita' sija personali u sija professjonali ta' l-attur, u tirraprezenta fatti manifestament inveritjeri b'mod intiz sabiex ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; artikolu riprodott u anness bhala "Dok CS1".

Thallas lill-attur dik is-somma sa massimu ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-artikolu *de quo* mhuwiex libelluz jew malafamanti fil-konfront ta' l-attur;

2. Illi fl-artikolu hemm biss kummenti li jikkonsistu f'opinjonijiet u kritika accettabli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi minn imkien mill-artikolu ma johrog l-*animus injuriandi* rikjest mil-Ligi fil-konfront ta' l-attur personalment;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qieghed jilmenta minn artikolu li kitbet il-konvenuta u publikat fuq il-gazzetta *The Malta Independent on Sunday* fit-22 t'Ottubru 2006. F'dak l-artikolu l-konvenuta trattat diversi temi fosthom dak tal-*budget,* il-kwistjoni tas-shana fid-djar Maltin fix-Xitwa, kif ukoll l-immigrazzjoni llegali. F'dan l-ahhar kuntest semmiet ukoll lil Norman Lowell, Arlette Baldacchino, Martin Degiorgio u Paul Salamone. Imbaghad irreferiet ghal *".....that nasty little man, Charles Spiteri, who cooks in his spare time."* B'mod generali rreferiet ghal dawn il-persuni illi ghandhom certa opinjonijiet dwar l-immigrazzjoni llegali bhala "*sad losers and a bunch of nutters".* L-attur hassu ngurjat b'dan il-kliem illi fehem qed jindirizza lilu peress li huwa l-unika kok professjonali f'Malta bl-isem ta' Charles Spiteri. L-attur xehed illi hassu malafamat, ingurjat u redikolat b'dawk it-termini illi l-artikolista Daphne Caruana Galizia wzat fil-konfront tieghu u ghalhekk deherlu li kellu jistitwixxi din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'wahda mill-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta qieghda teccepixxi n-nuqqas ta' l-*animus injuriandi* fl-artikolu taghha peress li kitbet biss opinjonijiet fuq dak illi rat u semghet mill-fehmiet tal-persuni msemmija fl-artikolu fosthom l-attur Charles Spiteri.

Jibda biex jinghad illi meta l-kliem uzati huma per se derogatorji u ngurjuzi l-intenzjoni illi ssir hsara (animus injuriandi) kienet prezunta.(Ara Profs J Rizzo Naudi vs F Agius Mizzi et, deciza fit-13 ta' Mejju 1997. L-awtur Gately *On Libel and Slander* ighid fost affarijiet ohra *"the question was not what the defendant intended but what reasonable men, knowing the circumstances in which the worlds*

*were published would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation. The question is not whether the writer of an alledged libel means but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention or the meaning in his own mind that makes the sense of the libel, but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it."* (9 edizzjoni, kapitolu 7). Ghalhekk il-kliem uzati *"nasty little man"* huma fihom infushom derogatorji u mhux il-kaz li titratta l-kwistjoni tal-*"animus"*. It-test li l-Qorti trid taghmel issa huwa jekk l-artikolista l-konvenuta kienetx gustifikata li tuza dawn il-kliem fic-cirkostanzi illi wzathom u fl-isfond tal–argumenti illi gabet.

Ikkunsidrat:

Il-konvenuta xehdet illi hija waslet ghal dawk il-konkluzzjonijiet wara li rat lill-attur jippartecipa f'diskussjoni tal-programm Xarabank fl-14 t'Ottubru 2005. Il-Qorti giet ipprovduta b'dvd ta' dan il-programm fejn jidher l-attur qed jippartecipa f'din id-diskussjoni. L-attur jidher li huwa animat hafna b'argumenti pjuttost aggressivi kontra l-immigrazzjoni llegali. Darba minnhom wasal ukoll biex jirredikola persuna mill-udjenza illi wriet fehmiet differenti minn tieghu. Fil-fatt il-konvenuta a fol 28 filwaqt li tikkonferma li kienet hi li kitbet l-artikolu qalet li ma kienux tant l-opinjonijiet ta' l-attur li hija kkritikat, tant il-mod kif ressaq dawn l-opinjonijiet. Qalet *"jidher illi kien hemm mibgheda ... Ma kienx hemm logika f'dak illi kien qieghed ighid imma kien wera emozzjoni u mibgheda kbira."* Qalet illi wzat il-kelma *"nasty"* minhabba l-atteggjament illi rat fl-attur waqt li kien qieghed jippartecipa fil-programm Xarabank. Uzat il-kelma *"little"* mhux fis-sens fiziku imma fis-sens tal-karattru wara li rat dak l-atteggjament. Indirizzat il-persuni illi semmiet fl-artikoli bhala *"bunch of*

*nutters"* ghaliex ghaliha n-nies li joqghodu jinhlew f'kummenti razzisti kontra persuna jew ohra minhabba l-kulur jew twemmin taghhom ghaliha *"a bunch of nutters".*

Ikkunsidrat:

Irrizulta sodisfacentement pruvat illi l-attur mhuwiex persuna pubblika. Huwa kok professjonali ta' certa success f'dak il-qasam fejn anke deher f'programmi televizivi sabiex jippromwovi u jghallem il-professjoni tieghu. Izda dakinhar fuq il-programm Xarabank deher f'vesti kompletament differenti. Hawnhekk ha parti f'diskussjoni dwar l-emmigrazzjoni llegali fejn wera l-hsieb illi din l-emmigrazzjoni kienet qieghda tkun ta' hsara kbira ghall-pajjizna. Sa hawn kollox sew. L-attur ghandu dritt jesprimi tali opinjonijiet u forsi ghandu dritt ukoll juri certa hegga u emozjoni meta jigi biex iwassal dawn il-hsibijiet, pero' skond kif jidher fuq id-dvd esebit f'dawn l-atti l-attur mar daqsxejn oltre, fejn vera wera emozzjoni u anke f'xi hin agressjoni kontra min kien qieghed juri fehmiet differenti minn tieghu. Filwaqt illi forsi seta' kien motivat minn emozzjoni patrijottika daqsxejn zejda jew forsi ahjar *misguided,* ma kellux dritt illi jwaqqa' lill-haddiehor ghac-cajt kif ipprova jaghmel f'dan il-programm. Ghalhekk meta l-konvenuta rat dan l-attegjament deherilha illi hi wkoll kellha tuza l-istess attegjament fil-konfront ta' l-attur biex b'hekk ibbilancjat dak li dan ta' l-ahhar wera fil-konfront ta' haddiehor.

Il-Qorti ticcensura lill-konvenuta talli kitbet l-artikolu sena wara x-xandira tal-programm minghajr referenza ghall-istess u min jaqra dak l-artikolu ma jkunx f'posizzjoni illi jabbina l-kumment illi ghamlet il-konvenuta ma' l-attegjament ta' l-attur waqt ir-recording. Pero' la l-attur issemma' ma' nies ohra fil-kuntest ta' l-opinjonijiet ben maghrufa taghhom dwar l-immigrazzjoni llegali, l-qarrej ordinarju jista' jasal ghall-konkluzzjoni li

dawk il-kummenti tal-konvenuta ghandhom x'jaqsmu ma' xi kummenti razzisti illi seta' ghamel l-attur f'xi zmien qabel, u dawn huma *"the circumstances in which the words were published.."*

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi la darba l-attur espona ruhu fil-pubbliku f'programm televiziv popolari, allura f'dak il-kaz huwa espona lilu nniffsu ghall-kummenti dwar l-attegjament tieghu fuq dak il-programm. Il-Qorti jidhrilha illi l-artikolista, il-konvenuta Daphne Caruana Galizia kienet fic-cirkostanzi gustifikata illi taghzel dawk il-kliem b'deskrizzjoni ta' l-istess attegjament ta' l-attur u ghandha dritt tinvoka l-protezzjoni tal-Ligi ta' l-Istampa ghal dawn il-kummenti taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra tieghu. "

L-obbjezzjonijiet ta' l-attur fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma dawk artikolati fl-appell tieghu minnha, u cjoe li:-

(1) L-ewwel Qorti ma ghamletx evalwazzjoni sewwa fuq diversi punti. B'mod partikolari l-ewwel Qorti emnet il-versjoni tal-konvenuta illi l-kummenti taghha fl-artikolu oggezzjonat kienu relatati mal-partecipazzjoni tieghu sena qabel fil-programm televiziv "Xarabank", iddeskriviet il-kummenti tieghu f'dak il-programm bhala ta' indoli razzisti, u ddikjarat li hu kien persuna pubblika ghal fatt ta' dik il-partecipazzjoni tieghu;

(2) Il-lingwagg uzat mill-konvenuta fl-artikolu taghha kien imur oltre dak accettabbli u li l-attakk taghha kienet tolqot il-persuna, u mhux l-agir, tieghu;

(3) L-ewwel Qorti ma qiesetx l-attakk gratuwitu fuq il-professjonalita` tieghu;

B'mod generali jixraq fl-ewwel lok li jinghad b'ripetizzjoni illi l-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji, kif hekk inhu rifless f'bosta sentenzi, hu bazat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant adit mill-mertu tal-kawza. Dan necessarjament ifisser illi dak il-gudikant ghandu l-poter diskrezzjonali li mill-istruzzjoni tal-kawza jislet dik il-prova jew provi li hu jidhirlu l-aktar attendibbli u indoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Dan hu proprju dak li ghamlet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz ghal dik li hi l-valutazzjoni tal-prova illi l-kummenti tal-konvenuta kellhom kollegament mal-partecipazzjoni ta' l-attur f'diskussjoni televiziva dwar l-immigrazzjoni illegali. Kif maghruf, u skond gurisprudenza konkordi, fejn tali valutazzjoni tirrizulta logika u koerenti ma' l-elementi utilizzati, kif hekk jidher li hu l-kaz hawnhekk, mhux ghal din il-Qorti ta' revizjoni li tissindikaha;

Premess dan, l-esperjenza tghallem illi f'kawzi tax-xorta hawn ikkontemplata spiss drabi d-dritt tal-harsien tar-reputazzjoni ta' persuna jidhol f'konflitt mad-dritt ta' l-espressjoni hielsa. Meta dan jigri, hu necessarju li jkun stabbilit taht liema limitu d-dritt wiehed ghandu jipprevali fuq l-iehor. Dan, s'intendi, u dejjem, b'referenza ghal kaz specifiku konkret;

Jidher li d-dottrina prevalenti takkorda lill-kritika spazju pjuttost wiesgha u mifrux in kwantu ghar-rifless valutativ li din taghmel fuq l-imgibiet, jew certu diskors jew, anke, l-opri tal-bniedem, bhal ma hu xoghol artistiku jew letterarju. Hu wkoll sottolinejat, almenu f'certi decizjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana kif ikkummentati fl-opra tal-**Franzoni** ("**Le obbligazioni da fatto illecito**", Utet, Edizione 2004, pagna 180), illi "*nell'ipotesi in cui venga in rilevo il diritto di critica, la valutazione del rispetto del requisito della continenza formale deve essere effettuata in modo attenuato, per lasciare spazio all'interpretazione*

*soggettiva dei fatti narrati e per svolgere le censure che si vogliono esprimere; in tal modo, sono state ritenute legittime anche 'espressioni astrattamente offensive e soggettivamente sgradite alla persona cui erano riferite'* (**Cass. 22 ta' Jannar, 1996, Nru. 465**). *Il diritto di cirtica, quindi, si ritiene esercitato in modo legittimo, anche quando si ricorre a parole aspre e pungenti, di per sè insultanti, purchè siano razionalmente correlate ai fatti ed ai giudizi espressi, nonchè congruenti al livello della contrapposizione polemica raggiunta.*" (**Trib. Roma, 24 ta' Mejju, 1985**);

Minn naha l-ohra, l-istess dottrina u gurisprudenza ma jonqsux ukoll milli jaccentwaw illi l-verita` tal-fatti trid tigi rispettata ghaliex inkella jekk il-kritika ssir fuq episodji mhux veri jew addirittura inventati din ma ssirx hlief semplici pretest biex il-kritiku joffendi r-reputazzjoni tas-soggett ikkritikat. Ukoll hawn, hu rakkomandat illi trid tezisti proporzjonalita` bejn it-ton tal-kliem u l-iskop informattiv biex il-kritika ma titraxxendix f'attakk jew f'aggressjoni personali. Il-problematika tibqa' dejjem fejn ghandu wiehed jigbed il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-kritika legittima u dik li, kif inghad f'decizjoni Ingliza, "*passes out of the domain of criticism itself*" ("**McQuire -vs- Western Morning News**" [C.A. 1903] u ssir invettiva;

Proprju l-mistoqsija li ta' spiss tirrikorri fil-kazistika Ingliza, kif rapportata fil-**Gatley**, "**On Libel and Slander**" Seventh Edition, 1974, hi din: "*Would any man, however prejudiced he might be, or however exaggerated or obstinate his views, have written this criticism?*" Ara "**Merivale -vs- Carson**", 1887, per Lord Esher u "**Stopes -vs- Sutherland**", House of Lords, Printed Cases, 1924, pagna 375;

Jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi ghall-ewwel Qorti t-twegiba ghal din id-domanda hi fil-pozittiv. Dan fis-sens illi fuq l-ezami taghha tad-DVD tal-programm televiziv li fih ippartecipa l-attur il-kritka tal-konvenuta

kienet f'rabta stretta ma' l-agir u l-atteggjament ta' l-istess attur waqt dak il-programm, u b'censura ghall-fehmiet tieghu dwar l-immigrazzjoni. Jista' jigi obbjettat, kif fil-fatt hekk qed jigi sottomess mill-appellanti, illi l-konvenuta bhala artikolista ghamlet uzu minn proza u kliem pungenti, forsi wkoll ingurjuz, suggestivi ta' aggressjoni fuq il-persuna tieghu. B'danakollu, fl-evalwazzjoni tal-portata offensiva ta' xi kelma jew frazi, il-gudikant ma jistax jonqos li jiehu rigward ukoll ta' l-okkazjoni li tkun giebet ir-reazzjoni kritika u, wisq logikament, dak tal-qaghda komplessiva. F'dan il-kaz, bi qbil ma' l-ewwel Qorti, hi wkoll il-fehma ta' din il-Qorti illi d-dissens tal-konvenuta fil-konfront ta' l-agir u tal-hsieb manifest ta' l-attur dwar l-immigrazzjoni ma jidherx li hu maghmul bl-iskop li tattakka d-dinjita` professjonali tieghu, anke jekk it-ton hu ironiku, u anke aspru. Hi tqieghed in riljev id-dimensjoni pubblika tieghu ghall-partecipazzjoni f'dak il-programm, anke jekk tonqos li espressament tindikah, ghal-liema, incidentalment, giet iccensurata mill-ewwel Qorti, u li tikkomunika lill-qarrejja l-gudizzju taghha negattiv fuq l-imgieba intolleranti tieghu u diskorsu. Lanqas ma jista', fil-verita`, jinghad illi l-artikolista istigat lill-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kontra l-attur ghaliex il-mira tal-kritika taghha taht dan l-aspett kienet pjuttost wahda diretta kontra l-fatt illi ttiehdu mill-Pulizija passi penali, u bl-ghaggla kontra terza persuna, meta dwar kaz iehor kaxkru saqajhom ("*they dragged their feet for years"*);

Indubitament, kull materja li tingieb ghall-attenzjoni tal-pubbliku b'mod li tattira l-kritika, tista' tigi kkummentata. Finalment, ikollu mbaghad jinghad bi qbil mal-veduta ta' Cockburn CJ fid-decizjoni "**Campbell -vs-Spottiswoode"** (1863), kif hekk riportata fil-**Gatley** (*Op. Cit.* pagna 725) illi "*where the public conduct of a (public) man is open to animadversion, and the writer who is commenting upon it makes imputations on his motives which arise fairly and legitimately out of his conduct so that a jury shall say that the criticism was not only honest but also well founded, an action is not maintenable*".

Ghal motivi kollha suesposti, u b’zieda mal-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------